MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2009

Avviz Numru. 397/2008

**Philip Pace**

**vs**

**Josef sive Joseph Taliana**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tar-rikorrent ghall-kundanna tal-intimat ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef seba' mija u sebgha u ghoxrin Ewro (€3727) cioe' l-valur ta' xoghol li l-intimat naqas li jesegwixxi skond stima ta' Joe Mifsud Dok JM anness fil-fond 27, 28 Annunciation Street, Sliema, skond ftehim ta' bejniethom tal-25 ta' Marzu tas-sena 2008, Dok A, billi l-intimat thallas l-ammont miftiehem ghax-xogholijiet kollha fl-ammont ta' tnax-il elef tminn mija u ghaxar Ewro (€12,810);**

**prevja d-dikjarazzjoni li l-imsemmi ftehim gie xjolt minhabba l-inadempjenza kontrattwali tal-intimat;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-13 t'Ottubru tas-sena 2008, Dok IF anness, bl-imghaxijiet legali mill-istess ittra, bl-ispejjez tal-mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid kawtelatorji pprezentati kontestwalment u bl-ingunjzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tar-rikorrent sabiex l-inimat iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment l-intimat naqas u ma deherx, la fit-18 ta' Frar tas-sena 2008 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrent u tikkundanna lill-intimat ihallas is-somma ta' tlett elef seba' mija u sebgha u ghoxrin Ewro (€3727) lir-rikorrent Philip Pace;**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif dedotti kontra l-intimat Josef sive Joseph Taliana.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------